



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Awwissu 2019
(OR. en)

11814/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0175 (NLE)

PECHE 365

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Awwissu 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 380 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/124 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 380 final.

Mehmuż: COM(2019) 380 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.8.2019
COM(2019) 380 final

2019/0175 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/124 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi haġġin tal-baħar għandu jreġġa' lura u jżomm il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet mistada 'l fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli (MSY). Għodda importanti f'dan ir-rigward hi l-istabbiliment annwali tal-opportunitajiet tas-sajd fl-għamla ta' qabdiet totali permissibbli (TACs) u kwoti.

Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet ikompli jispeċifika l-valuri tal-mortalitajiet mis-sajd espressi bħala meded li jintużaw f'din il-proposta biex jintlaħqu l-objettivi tal-PKS, speċjalment il-kisba u ż-żamma tal-MSY.

L-objettiv ta' din il-proposta hu li jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd għall-Istati Membri għall-2020 fir-rigward tal-iktar stokkijiet kummerċjalment importanti fil-Baħar Baltiku. Bil-għan li jiġu ssimplifikati u ċċarati d-deċiżjonijiet annwali dwar it-TACs u l-kwoti, l-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Baltiku ilhom li ġew stabbiliti mill-2006 permezz ta' Regolament separat.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika**

Il-proposta tistabbilixxi kwoti fil-livelli konsistenti mal-objettivi tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Il-miżuri proposti huma f'konformità mal-objettivi u r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u huma konsistenti mal-politika tal-Unjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

L-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta hija fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-TFUE. Għaldaqstant, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin:

Il-Politika Komuni tas-Sajd hija politika komuni. Skont l-Artikolu 43(3) tat-TFUE hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li jadotta l-miżuri dwar l-istabbiliment u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

Ir-Regolament tal-Kunsill inkwistjoni jalloka l-opportunitajiet tas-sajd lill-Istati Membri. Filwaqt li jitqiesu l-Artikolu 16(6) u (7) u l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-Istati Membri huma liberi li jallokaw dawn l-opportunitajiet fost ir-regġuni jew l-operaturi skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli msemmija. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom lok biżżejjed biex jimmanuvraw fejn jidħlu d-deċiżjonijiet relatati mal-mudell soċjali/ekonomiku tal-għażla tagħhom biex jisfruttaw l-opportunitajiet tas-sajd allokatilhom.

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja ġdida għall-Istati Membri. Dan ir-Regolament partikolari jiġi adottat mill-Kunsill kull sena, u l-mezzi pubbliċi u privati għall-implimentazzjoni tiegħu diġà jinsabu fis-seħħ.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost: Regolament.

Din hija proposta għall-ġestjoni tas-sajd abbażi tal-Artikolu 43(3) tat-TFUE.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kunsill Konsultattiv għall-Baħar Baltiku (BSAC) ġie kkonsultat abbażi tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni fir-rigward ta' Konsultazzjoni dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd għall-2020 skont il-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2019) 274 final). Il-bażi xjentifika tal-proposta nġatat mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES). Tqiesu l-opinjonijiet preliminari espressi minn bosta partijiet ikkonċernati dwar l-istokkijiet tal-ħut kollha kkonċernati u ġew ikkunsidrati kemm jista' jkun fil-proposta mingħajr ma nħolqu kontradizzjonijiet mal-politiki eżistenti jew deterjorament fl-istat tar-riżorsi vulnerabbli.

Il-parir xjentifiku dwar il-limiti tal-qbid u l-istatus tal-istokkijiet ġie diskuss ukoll mal-Istati Membri fil-forum reġjonali BALTFISH f'Ġunju 2019.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

L-organizzazzjoni xjentifika li saret konsultazzjoni magħha kienet il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES).

L-Unjoni titlob parir xjentifiku dwar l-istat tal-istokkijiet tal-ħut importanti mill-ICES kull sena. Il-parir mogħti jkopri l-istokkijiet kollha tal-Baltiku u ġew proposti TACs għall-aktar stokkijiet importanti kummerċjalment (www.ices.dk/community/advisory-process/Pages/Latest-advice.aspx).

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta hi parti minn approċċ fit-tul li bih il-livell tas-sajd jiġi aġġustat u jinżamm f'livelli ta' sostenibbiltà fit-tul. Dan l-approċċ se jwassal għal pressjoni tas-sajd stabbli, kwoti oġġla u għalhekk dħul aħjar għas-sajjeda u għall-familji tagħhom. Iż-żieda fil-ħatt l-art hi mistennija tkun ta' benefiċċju għall-industrija tas-sajd, għall-konsumaturi, għall-industrija tal-ipproċessar u għall-bejgħ bl-imnut kif ukoll għall-bqija tal-industrija aċċellari marbuta mas-sajd kummerċjali u rikreattiv.

Id-deċiżjonijiet meħuda dwar l-opportunitajiet tas-sajd tal-Baħar Baltiku tul dawn l-aħħar snin irnexxielhom iġibu l-mortalità mis-sajd konformi mal-meded tal-MSY fil-mument tal-istabbiliment tat-TACs għall-istokkijiet kollha għajr għal wieħed, u rnexxielhom ukoll iregġġu lura l-istokkijiet u jibbilanċjaw mill-ġdid il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd. Il-bakkaljaw tal-Lvant tal-Baltiku ġarrab pressjoni qawwija fl-2019, u għalhekk sfortunatament fl-2020 mhux se jkun konformi mal-MSY, u aktarx lanqas fis-snin ta' wara. Għalhekk għad hemm bżonn isir aktar progress biex jitregġġu lura l-istokkijiet kollha għax uħud minnhom għadhom taħt il-limiti sikuri tal-bijomassa, u biex l-istokkijiet kollha jkunu konformi mal-MSY.

Filwaqt li tqis dak imsemmi hawn fuq, il-proposta tal-Kummissjoni tnaqqas l-opportunitajiet tas-sajd għall-aringa tal-Punent tal-Baltiku b'71 %, għall-aringa tal-Baltiku Ċentrali b'10 %, u għall-aringa tal-Baltiku ta' Lwanz b'10 %.

għall-aringa tal-Golf ta' Bothnia bi 32 %, għas-salamun tal-baċir ewlieni b'5 %, għal-laċċ ikħal b'25 %, u għall-bakkaljaw tal-Punent tal-Baltiku b'68 %. Għall-bakkaljaw tal-Lvant tal-Baltiku, l-ICES għarraf li ma kienx se jkun f'pożizzjoni li jipprovdi ċifri għal qabdiet inċidentali inevitabbli fl-2020 qabel l-adozzjoni proposta tar-Regolament mill-Kunsill f'Ottubru ta' din is-sena. Il-Kummissjoni tistma li se jonqsu l-opportunitajiet tas-sajd għall-bakkaljaw tal-Lvant tal-Baltiku. Il-proposta tal-Kummissjoni se żżid l-opportunitajiet tas-sajd għall-aringa tal-Golf ta' Riga bi 11 %, u tħalli kollox l-istess fir-rigward tas-salamun tal-Golf tal-Finlandja.

Għalhekk l-impatt ekonomiku tal-proposti għall-2020 se jfisser tnaqqis għall-flotot fl-Istati Membri kollha. Kollox ma' kollox, il-proposta tal-Kummissjoni twassal għal livell ta' madwar 469 000 tunnellata għall-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Baltiku, jiġifieri tnaqqis ta' 23,6 % meta mqabbel mal-2019. Il-Pjan Pluriennali għall-Baħar Baltiku (il-MAP) jipprevedi li t-TAC għall-istokkijiet b'saħħithom tista' tiġi stabbilita fil-medda 'l fuq mill-valur tal-punt tal-MSY (l-hekk imsejħa "l-ogħla medda tal-MSY"), b'mod partikolari biex jiġu limitati l-varjazzjonijiet bejn is-snin konsekuttivi għal mhux aktar minn 20 %. Iżda l-Kummissjoni ma tipproponix li tuża din l-alternattiva għax għall-aringa tal-Punent u għall-bakkaljaw tal-Punent u tal-Lvant tal-Baltiku, il-bijomassa tal-istokkijiet huma taħt il-limiti bijoloġiċi sikuri. Barra minn hekk, il-laċċ ikħal jiddependi minn klassi ta' sena tajba biss u għalhekk l-ICES jistma li l-bijomassa se tonqos fis-snin li ġejjin. Issa hemm ir-riskju li l-użu tal-ogħla medda tal-MSY iwassal biex fil-futur it-tnaqqis ikun ferm akbar. Barra minn hekk, ingħata parir ta' prekawzjoni mill-ICES b'rabta mal-aringa tal-Golf ta' Bothnia li ma jiġux previsti meded tal-MSY. Il-barbun tat-tbajja' hu speċi ta' qabda inċidentali skont il-MAP, għalhekk l-ICES ma jipprovdix meded tal-MSY. Fl-aħħar nett, il-MAP jippermetti wkoll l-użu tal-ogħla medda tal-MSY għall-istokkijiet b'saħħithom f'sajd imħallat fejn dan ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-oġettivi tal-PKS u tal-MAP. Filwaqt li s-sajd għall-aringi hu sajd imħallat, il-Kummissjoni ma tipproponix li tintuża l-ogħla medda tal-MSY għall-aringa Ċentrali għax l-istokk jiddependi minn klassi ta' sena tajba biss u l-aringi jinqabdu biss f'sajd imħallat bil-bakkaljaw li jinsab f'kundizzjoni ta' deterjorament.

• Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni

Il-proposta tibqa' flessibbli fl-applikazzjoni ta' mekkaniżmi ta' skambju ta' kwoti li diġà kienu ġew introdotti fir-Regolamenti dwar l-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Baltiku fis-snin preċedenti. M'hu qed jiġi propost l-ebda element ġdid jew proċedura amministrattiva ġdida għall-awtoritajiet pubbliċi (tal-UE jew nazzjonali) li jistgħu jżidu l-piż amministrattiv.

Il-proposta tikkonċerna Regolament annwali għall-2020 u għalhekk ma tinkludix klawnsola ta' reviżjoni.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet fuq il-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

• Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar

Il-monitoraġġ tal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd fil-forma ta' qabdiet totali permissibbli (TACs) u ta' kwoti ġie stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tistabbilixxi l-oportunitajiet tas-sajd għall-2020 għal ċerti stokkijiet jew gruppi ta' stokkijiet għas-sajd tal-Istati Membri fil-Baħar Baltiku.

Il-pjan pluriennali l-ġdid għas-sajd fil-Baħar Baltiku daħal fis-seħħ fl-20 ta' Lulju 2016¹. Skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-pjan, l-oportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti skont l-oġettivi tal-pjan u għandhom jikkonformaw mal-meded tal-mortalità mis-sajd fil-mira pprovduti fl-aqwa parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari mill-ICES jew minn korp xjentifiku indipendenti simili. Meta l-bijomassa tal-istokk tkun inqas mill-punti ta' referenza pprovduti fl-aqwa parir xjentifiku, l-oportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti f'livell li jikkorrispondi għall-mortalità mis-sajd li jitnaqqas b'mod proporzjonat b'mod li jitqies it-tnaqqis fil-bijomassa tal-istokk.

L-oportunitajiet tas-sajd huma proposti skont l-Artikolu 16(1) (li jirreferi għall-prinċipju tal-istabbiltà relattiva) u skont l-Artikolu 16(4) (li jirreferi għall-oġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd u għar-regoli previsti fil-pjanijiet pluriennali) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Meta rilevanti, biex jiġu stabbiliti l-kwoti tal-UE għall-istokkijiet maqsuma mal-Federazzjoni Russa, il-kwantitajiet rispettivi ta' dawn l-istokkijiet tnaqqsu mit-TACs skont il-parir mogħti mill-ICES. It-TACs u l-kwoti allokatil lill-Istati Membri jinsabu fl-Anness tar-Regolament.

Għall-arġa tal-Punent tal-Baltiku, id-daqs tal-istokk stmat mill-ICES għadu taħt il-limitu tal-punt ta' referenza tal-bijomassa riproduttiva, li taħtu jista' jkun hemm tnaqqis fil-kapaċità riproduttiva (B_{lim}) kif stabbilit mill-ICES. L-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/1139 jeżiġi li, meta l-parir xjentifiku jindika li l-istokk ikun inqas mill- B_{lim} , għandhom jiġu adottati l-miżuri ta' rimedju biex ikun żgurat li l-istokk ikkonċernat jitreġġa' lura għal livell li kapaċi jipproduċi MSY. Biex jintlaħaq dan il-livell, qabelxejn, l-oportunitajiet tas-sajd għall-istokk ikkonċernat għandhom jiġu stabbiliti f'livell konsistenti ma' mortalità mis-sajd li titnaqqas inqas mill-ogħla medda tal- F_{MSY} , u t-tieni nett, għandhom jittieħdu aktar miżuri ta' rimedju. Filwaqt li tqis it-tnaqqis fil-bijomassa tal-arġa tal-Punent tal-Baltiku, il-Kummissjoni ttipponi li tuża l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2016/1139 u tistabbilixxi t-TAC f'livell aktar baxx mill-meded tal- F_{MSY} . Il-Kummissjoni ttipponi li tuża l-aktar valur baxx tal-meded u żżid aktar tnaqqis. Dan iwassal għal TAC ta' 2 651 tonnellata (-71%), li skont l-ICES se jippermetti li l-bijomassa tkun iżjed mill- B_{lim} sal-2022.

Għall-bakkaljaw tal-Lvant tal-Baltiku, wara bosta snin l-ICES reġa' kien f'pożizzjoni li jwettaq valutazzjoni analitika. Iżda l-ICES ma setax jiddetermina l-valuri tal-medda tal-mortalità mis-sajd tal-MSY. Barra minn hekk, l-ICES ikkalkula li d-daqs tal-istokk kien inqas mill- B_{lim} u li se jibqa' inqas mill-limitu B_{lim} fi żmien medju anke mingħajr sajd. Minħabba f'hekk, f'Lulju 2019 il-Kummissjoni adottat miżuri ta' emerġenza li permezz tagħhom iddeċidiet li s-sajd tal-bakkaljaw fiż-żoni bl-abbundanza rilevanti ta' bakkaljaw tal-Lvant tal-Baltiku jkun ipprojbit sa tmiem is-sena. Madankollu mod aktar effiċjenti biex jiġu limitati l-qabdiet hu li jiġi pprojbit is-sajd dirett u li jiġi stabbilit TAC limitat ħafna għall-qabdiet inċidentali biss. Il-Kummissjoni talbet lill-ICES biex jipprovdi ċifri rilevanti iżda l-ICES informa li mhux se jkun f'pożizzjoni li jipprovdi ċifri għal qabdiet inċidentali inevitabbli fl-2020 qabel l-adozzjoni proposta tar-Regolament mill-Kunsill f'Ottubru ta' din is-sena. Il-Kummissjoni qed tikkalkula tnaqqis fl-oportunitajiet tas-sajd għall-bakkaljaw tal-Lvant tal-Baltiku ta' [...] %. Ladarba l-ICES jipprovdi ċifri għall-qabdiet inċidentali inevitabbli għall-2020, il-Kummissjoni beħsiebha ttipprezenta proposta għal modifika tar-Regolament dwar l-

¹ Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-arġi u l-laċe ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawg l-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 (ĠU L 191, 15.7.2016, p. 1).

Opportunitajiet tas-Sajd għall-2020. Barra minn hekk, minħabba l-istatus tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Lvant tal-Baltiku u l-parir tal-ICES li l-għeluq tar-riproduzzjoni jista' jkollu benefiċċji addizzjonali għall-istokk li ma jistgħux jinkisbu bit-TAC waħdu (pereż. żieda fir-reklutaġġ permezz ta' riprodurrezzjoni bla xkiel), l-għeluq eżistenti tar-riproduzzjoni tas-sajf hu estiż u l-ambitu tiegħu hu mwessa'. Fl-aħħar nett, is-sajd rikreattiv hu pprojbit għax il-kwantitajiet maqbuda jsiru sostanzjali meta t-TAC jitnaqqas għal TAC limitat ħafna tal-qbid inċidentali.

It-TACs proposti għall-aringa Ċentrali u għall-aringa tal-Golf ta' Riga, kif ukoll it-TACs proposti għal-laċċa kaħla, is-salamun tal-baċir ewlieni u l-bakkaljaw tal-Punent tal-Baltiku jikkorrispondu għall-medda tal-mortalità mis-sajd tal-MSY kif imsemmi fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2016/1139. Fir-rigward tas-salamun tal-baċir ewlieni, il-Finlandja u l-Estonja talbu biex tinżamm il-flessibbiltà limitata bejn iż-żoni introdotta s-sena li għaddiet u għalhekk tiġġedded. Fir-rigward tal-bakkaljaw tal-Punent tal-Baltiku, l-ICES jindika li s-sitwazzjoni tal-istokk hi fraġli u qed terġa' tmur lura, u għalhekk qed jerġa' jiġi introdott għeluq riproduttiv tax-xitwa għax l-ICES jidhirlu li għeluq bħal dan jista' jkollu benefiċċji addizzjonali li ma jistgħux jinkisbu bit-TAC waħdu. Is-sajd rikreattiv jikkontribwixxi ferm għall-mortalità mis-sajd, u għalhekk il-limitu tal-qabda għas-sajd rikreattiv qed jitnaqqas bl-istess mod bħat-tnaqqis tat-TAC. Fl-aħħar nett, peress li l-bakkaljaw tal-Lvant u tal-Punent tal-Baltiku jitħalltu fis-sottodivizjoni 24 u wara l-miżuri ta' emerġenza adottati fl-2019, is-sajd dirett għall-bakkaljaw hu pprojbit u jista' jinqabad biss b'mod inevitabbli bħala qbid inċidentali 'l barra minn sitt mili nawtiċi mill-kosta fis-sottodivizjoni 24. Barra minn hekk, u biex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi fir-rigward taż-żona ta' ġestjoni tal-bakkaljaw tal-Lvant tal-Baltiku, is-sajd rikreattiv 'il barra minn sitt mili nawtiċi mill-kosta hu pprojbit fis-sottodivizjoni 24 għax ħafna mill-bakkaljaw tal-Lvant tal-Baltiku jfeġġ f' dawn iż-żoni.

It-TAC għall-barbun tat-tbajja' jikkorrispondi għal taħlita tal-parir dwar l-MSY għall-istokk fis-sottodivizjonijiet 21 sa 23 u tal-approċċ tal-ICES għall-istokkijiet b'data limitata fir-rigward tal-istokk fis-sottodivizjonijiet 24 sa 32. It-TACs għas-salamun tal-Golf tal-Finlandja u għall-aringa tal-Golf ta' Bothnia jikkorrispondu għall-approċċ żviluppat mill-ICES li jiġi applikat għall-istokkijiet b'data limitata.

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 daħħal kundizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni minn sena għal sena tat-TACs, fosthom dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà skont l-Artikoli 3 u 4 għall-istokkijiet prekawżjonali u analitiċi rispettivament. Skont l-Artikolu 2 tiegħu, meta jiġu stabbiliti t-TACs, il-Kunsill għandu jiddeċiedi liema huma l-istokkijiet li għalihom ma għandhomx japplikaw l-Artikoli 3 u 4, b'mod partikolari abbażi tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet. Fi żmien aktar riċenti, iddaħħal il-mekkaniżmu ta' flessibbiltà għall-istokkijiet kollha koperti bl-obbligu ta' ħaqq l-art mill-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Għalhekk, biex tiġi evitata l-flessibbiltà eċċessiva li ddghajjed il-prinċipju tal-isfruttament razzjonali u responsabbli tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar u tfixkel il-kisba tal-oġġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd, jenħtieġ jiġi ċċarat li l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 japplikaw biss meta l-Istati Membri ma jużawx il-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/124 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jeżiġi li jiġu adottati miżuri tal-konservazzjoni li jqisu l-pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi disponibbli inkluż, meta rilevanti, ir-rapporti mfassla mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd u minn korpi konsultattivi oħra, kif ukoll fid-dawl ta' kwalunkwe parir mogħti minn Kunsilli Konsultattivi stabbiliti għaż-żoni ġeografiċi jew l-oqsma ta' kompetenza u rakkomandazzjonijiet konġunti li jsiru mill-Istati Membri.
- (2) Hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li jadotta miżuri dwar l-istabbiliment u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, fosthom ċerti kundizzjonijiet li huma marbutin magħhom b'mod funzjonali, kif xieraq. L-opportunitajiet tas-sajd jenħtieġ jiġu allokati lill-Istati Membri b'mod li tkun żgurata l-istabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk jew attività tas-sajd filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-oġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) stipulati fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013.
- (3) L-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi li l-oġettiv tal-PKS hu li sal-2015 tinkiseb ir-rata ta' sfruttament tar-rendiment massimu sostenibbli (MSY) sa fejn possibbli u, b'mod progressiv u inkrementali sa mhux aktar tard mill-2020.
- (4) Għalhekk, il-qabdiet totali permissibbli (it-TACs) jenħtieġ jiġu stabbiliti, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, abbażi tal-pariri xjentifiċi disponibbli, filwaqt li jitqiesu aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi u filwaqt li jkun żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, kif ukoll wara li jitqiesu l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati espressi waqt il-konsultazzjoni.
- (5) Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, tal-aringi u tal-laċċ ikħal fil-Baħar

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

² Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta

Baltiku u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet (“il-pjan”). Il-pjan għandu l-għan li jiżgura li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar ireġġa’ lura u jżomm il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet maqbuda f’livelli ’l fuq minn dawk li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli. Għal dak il-għan, il-mortalità mis-sajd fil-mira għall-istokkijiet ikkonċernati, espressa fil-meded, għandha tintlaħaq kemm jista’ jkun malajr u, b’mod progressiv u inkrementali sal-2020. Jixraq li l-limiti tal-qbid applikabbli fl-2020 għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, tal-aringi u tal-laċè ikħal fil-Baħar Baltiku jiġu stabbiliti f’konformità mal-oġettivi tal-pjan.

- (6) Il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) indika li l-bijomassa tal-aringa tal-Punent tal-Baltiku fis-sottodivizjoni 20 sa 24 kompliet tkun inqas mil-limitu tal-punt ta’ referenza tal-bijomassa riproduttiva li taħtu jista’ jkun hemm tnaqqis fil-kapaċità riproduttiva (B_{lim}). Għalhekk, fil-parir annwali tiegħu dwar l-istokkijiet tad-29 ta’ Mejju 2019, l-ICES ħareġ parir xjentifiku biex ma jsirux qabdiet. Għaldaqstant, f’konformità mal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2016/1139, għandhom jiġu adottati l-miżuri ta’ rimedju xierqa kollha biex jiżguraw li l-istokk ikkonċernat jitreġġa’ lura malajr għal livelli ogħla minn dak li kapaċi jipproduċi l-MSY. Barra minn hekk, dik id-dispożizzjoni teħtieġ li jiġu adottati miżuri ta’ rimedju ulterjuri. Għal dak il-għan, hemm bżonn jitqiesu l-iskeda taż-żmien għall-kisba tal-oġettivi tal-PKS b’mod ġenerali u dawk tal-pjan b’mod partikolari minħabba l-effett mistenni tal-miżuri ta’ rimedju meħuda, filwaqt li fl-istess ħin jirrispettaw l-oġettivi għall-kisba tal-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi, kif stipulat fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Għaldaqstant, u f’konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2016/1139, jixraq li l-opportunitajiet tas-sajd għall-aringi tal-Punent tal-Baltiku jiġu stabbiliti inqas mill-meded tal-mortalità mis-sajd, biex jitqies it-tnaqqis fil-bijomassa.
- (7) Fir-rigward tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Lvant tal-Baltiku, l-ICES kien kapaċi jipprovdi valutazzjoni analitika għall-ewwel darba f’diversi snin. Skont stima tal-ICES, il-bijomassa kienet inqas mill- B_{lim} u kienet se tibqa’ inqas mill- B_{lim} għal żmien medju anke jekk ma jsirx sajd. Għalhekk l-ICES ħareġ parir xjentifiku biex fl-2020 ma jsirx sajd. Iżda l-ICES ma kienx f’pożizzjoni li jiddetermina l-valuri tal-meded tal-mortalità mis-sajd. Abbażi tal-valutazzjoni tal-istokk u biex tirreaġixxi malajr kemm jista’ jkun, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1248 li jistabbilixxi miżuri ta’ emerġenza biex tittaffa t-theddida serja għall-konservazzjoni tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Lvant tal-Baltiku (*Gadus morhua*)³. Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2016/1139, l-opportunitajiet tas-sajd għall-2020 jeħtieġ jiġu stabbiliti b’mod li jiżgura li l-istokk jitreġġa’ lura malajr għal livell ogħla mil-livell li kapaċi jipproduċi l-MSY.
- (8) Jekk l-opportunitajiet tas-sajd għall-bakkaljaw tal-Lvant tal-Baltiku kienu stabbiliti fil-livell indikat fil-parir xjentifiku, l-obbligu li jinħattu l-art il-qabdiet kollha f’sajd imħallat b’qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw tal-Lvant tal-Baltiku jwassal għall-fenomeni ta’ “speċijiet bi kwota limitanti”. Sabiex jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn il-kontinwazzjoni tas-sajd fid-dawl tal-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi potenzjalment severi, u l-ħtieġa li jinkiseb status bijoloġiku tajjeb għall-istokk, filwaqt li titqies id-diffikultà tas-sajd tal-istokkijiet kollha f’sajd imħallat b’rendiment sostenibbli

dawk l-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 (ĠU L 191, 15.7.2016, p. 1).

³ Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1248 tat-22 ta’ Lulju 2019 li jistabbilixxi l-miżuri li jnaqqsu t-theddida serja għall-konservazzjoni tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Lvant tal-Baltiku (*Gadus morhua*) (ĠU L 195, 23.7.2019, p. 2).

massimu fl-istess ħin, jixraq jiġi stabbilit TAC speċifiku għall-qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw tal-Lvant tal-Baltiku. Jenħtieġ li l-livell tat-TAC ikun tali li l-mortalità ma tiżdiedx u li dan jipprovdi inċentivi għal titjib fis-selettività u fl-evitar.

- (9) Barra minn hekk, l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) 2016/1139 jiddikjara li għandhom jittieħdu miżuri ta' rimedju addizzjonali biex ikun żgurat li l-istokk jitreggħa' lura malajr għal livelli ogħla minn dak li hu kapaċi jipproduċi l-MSY. Il-parir xjentifiku jindika li l-għeluq riproduttiv, b'mod partikolari, jista' jkollu benefiċċji addizzjonali għall-istokk li ma jistgħux jinkisbu bit-TAC waħdu, fosthom żieda fir-reklutaġġ permezz ta' riproduzzjoni bla xkiel. Minħabba l-istatus tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Lvant tal-Baltiku, jixraq li jiġu estiżi l-ambitu u l-iskeda taż-żmien tal-għeluq riproduttiv tas-sajf eżistenti għall-bakkaljaw tal-Lvant tal-Baltiku. Barra minn hekk, il-parir xjentifiku jindika li l-importanza relattiva tas-sajd rikreattiv tal-bakkaljaw tal-Lvant tal-Baltiku tiddependi fuq il-livell tat-TAC. Minħabba t-tnaqqis sostanzjali tat-TAC, il-kwantitajiet li jinqabdu fis-sajd rikreattiv jitqiesu sostanzjali. Għalhekk jixraq jiġi pprojbit is-sajd rikreattiv tal-bakkaljaw fis-sottodivizjonijiet 25-26 fejn il-bakkaljaw tal-Lvant tal-Baltiku hu l-aktar abbondanti.
- (10) Fir-rigward tal-istokk tal-bakkaljaw tal-Punent tal-Baltiku, il-parir xjentifiku jindika li s-sajd rikreattiv jikkontribwixxi ferm għall-mortalità mis-sajd ġenerali ta' dak l-istokk. Filwaqt li jitqies l-istatus attwali ta' dak l-istokk u t-tnaqqis tat-TAC, jixraq li jitnaqqas il-limitu tal-qabda ta' kuljum għal kull sajjied. Dan hu mingħajr preġudizzju għall-prinċipju tal-istabbiltà relattiva applikabbli għall-attivitajiet tas-sajd kummerċjali. Barra minn hekk, il-parir xjentifiku jindika li l-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Punent u tal-Lvant jiġihalltu fis-sottodivizjoni 24. Biex jitħares l-istokk tal-bakkaljaw tal-Lvant u jkun żgurati kundizzjonijiet ekwi maż-żona ta' ġestjoni tal-bakkaljaw tal-Lvant tal-Baltiku, jixraq jiġi limitat l-użu tat-TAC fis-sottodivizjoni 24 għall-qabdiet inċidentali tal-bakkaljaw għajr għas-sajjieda kostali ta' skala żgħira li jistadu b'irkaptu passiv f'żoni sa sitt mili nawtiċi mill-kosta fejn il-fond tal-ilma hu inqas minn 20 metru għax il-bakkaljaw tal-Punent hu predominanti f'dawk iż-żoni kostali baxxi. Għaldaqstant, u biex ikunu żgurati kundizzjonijiet ekwi mas-sottodivizjonijiet 25-26, jenħtieġ li s-sajd rikreattiv tal-bakkaljaw fis-sottodivizjoni 24 jiġi pprojbit lil hinn mis-sitt mili nawtiċi mill-kosta. Fl-aħħar nett, minħabba l-istatus fraġli tal-istokk u l-fatt li l-parir xjentifiku jindika li l-għeluq riproduttiv, b'mod partikolari, jista' jkollu benefiċċji addizzjonali għall-stokk li ma jistgħux jinkisbu bit-TAC waħdu, fosthom żieda fir-reklutaġġ permezz ta' riproduzzjoni bla xkiel, jixraq li jerġa' jiddaħħal għeluq riproduttiv tax-xitwa.
- (11) Biex ikun żgurat l-użu sħiħ tal-opportunitajiet tas-sajd kostali, jixraq tiġi introdotta flessibbiltà limitata bejn iż-żoni għas-salamun mis-sottodivizjonijiet 22-31 tal-ICES sas-sottodivizjoni 32 tal-ICES għall-Istat Membru li talab dik il-flessibbiltà.
- (12) Skont parir tal-ICES, 32 % tal-qabdiet fejn jidħol is-sajd tas-salamun huma rrapportati ħażin, b'mod partikolari bħala qabdiet tat-trota tal-baħar. Il-biċċa l-kbira tat-trota tal-baħar fil-Baħar Baltiku hi sfruttata fiż-żoni kostali, u għalhekk jixraq jiġi pprojbit is-sajd għat-trota tal-baħar lil hinn mill-erba' mili nawtiċi u li jiġu limitati l-qabdiet inċidentali tat-trota tal-baħar għal 3 % tal-qabdiet ikkombinati tat-trota tal-baħar u tas-salamun, biex dan jikkontribwixxi għall-prevenzjoni tar-rappurtar ħażin tal-qabdiet tas-salamun bħala qabdiet tat-trota tal-baħar.

- (13) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd stipulat f'dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009⁴, u b'mod partikolari għall-Artikoli 33 u 34 tiegħu li jikkonċernaw id-dokumentazzjoni tal-qabdiet u l-isforz tas-sajd, u soġġett ukoll għat-trażmissjoni tad-*data* dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd lill-Kummissjoni. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jispeċifika l-kodiċijiet marbuta mal-ħatt l-art tal-istokkijiet soġġetti għal dan ir-Regolament li jridu jużaw l-Istati Membri meta jibagħtu d-*data* lill-Kummissjoni.
- (14) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96⁵ introduċa kundizzjonijiet addizzjonali għall-ġestjoni minn sena għal sena tat-TACs, fosthom dispożizzjonijiet dwar il-flessibbiltà skont l-Artikoli 3 u 4 għat-TACs prekawżonarji u analitiċi rispettivament. Skont l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, meta jiġi biex jistabbilixxi t-TACs, il-Kunsill irid jiddeċiedi liema huma l-istokkijiet li għalihom ma għandhomx japplikaw l-Artikoli 3 jew 4, b'mod partikolari abbażi tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet. Aktar riċenti, l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 daħħal il-mekkaniżmu tal-flessibbiltà minn sena għal sena għall-istokkijiet kollha li huma soġġetti għall-obbligu tal-ħatt l-art. Għalhekk, biex ikun evitat li l-flessibbiltà eċċessiva li ddgħajjef il-prinċipju tal-isfruttament razzjonali u responsabbli tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar, tfixxkel il-kisba tal-oġġettivi tal-PKS u tiddeterjora l-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet, jenħtieġ jiġi stabbilit li l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ikunu japplikaw biss għat-TACs analitiċi meta ma tintużax il-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.
- (15) Skont parir xjentifiku ġdid, jenħtieġ tiġi stabbilita TAC preliminari għall-merluzz tan-Norveġja fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fid-diviżjoni 2a tal-ICES u s-subżona 4 tal-ICES tal-ilmijiet tal-Unjoni għall-perijodu mill-1 ta' Novembru 2019 sal-31 ta' Ottubru 2020.
- (16) Biex tkun evitata l-interruzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd u biex ikun żgurat l-għajxien tas-sajjieda tal-Unjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun japplika mill-1 ta' Jannar 2020. Barra minn hekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-merluzz tan-Norveġja fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fid-diviżjoni 2a tal-ICES u s-subżona 4 tal-ICES tal-ilmijiet tal-Unjoni mill-1 ta' Novembru 2019 sal-31 ta' Ottubru 2020. Minħabba l-urġenza, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih mal-pubblikazzjoni tiegħu.

⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kundizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3).

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut fil-Baħar Baltiku għall-2020 u jemenda ċerti opportunitajiet tas-sajd f'ilmijiet oħra stabbiliti bir-Regolament (UE) 2019/124⁶.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li joperaw fil-Baħar Baltiku.
2. Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll għas-sajd rikreattiv fejn jiġi msemmi b'mod ċar fid-dispożizzjonijiet rilevanti.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1380/2013. Barra minn hekk japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “sottodivizjoni” tfisser sottodivizjoni tal-ICES tal-Baħar Baltiku kif definita fl-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 218/2009⁷;
- (2) “qabda permissibbli totali” (TAC) tfisser il-kwantità ta' kull stokk li tista' tinqabad fuq perjodu ta' sena;
- (3) “kwota” tfisser proporzjon mit-TAC allokata lill-Unjoni, lil Stat Membru jew lil pajjiż terz;
- (4) “sajd rikreattiv” tfisser attivitajiet tas-sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar għal rikreazzjoni, turiżmu jew sport.

⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/124 tat-30 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi għall-2019 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, (ĠU L 29, 31.1.2019, p. 1).

⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-grigal tal-Atlantiku (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70).

KAPITOLU II

OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD

Artikolu 4

TACs u allokazżjonijiet

It-TACs, il-kwoti u l-kundizzjonijiet marbutin magħhom b'mod funzjonali, meta xieraq, huma stipulati fl-Anness.

Artikolu 5

Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazżjonijiet tal-opportunitajiet tas-sajd

L-allokazżjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri kif stipulat f'dan ir-Regolament, għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:

- (a) skambji li jsiru skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
- (b) tnaqqis u allokazżjonijiet mill-ġdid magħmula skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;
- (c) ħatt l-art addizzjonali permess skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jew skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
- (d) kwantitajiet miżmuma skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 jew trasferiti skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;
- (e) tnaqqis li jsir skont l-Artikoli 105 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 6

Kundizzjonijiet għall-ħatt l-art ta' qabdiet u ta' qabdiet inċidentali

L-istokkijiet ta' speċijiet mhux fil-mira, li jinsabu fil-limiti bijoloġiċi sikuri msemminja fl-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u li jikkwalifikaw għad-deroga mill-obbligu li l-qabdiet jingħaddu skont il-kwoti rilevanti, huma identifikati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Miżuri dwar is-sajd rikreattiv għall-bakkaljaw fis-sottodivizjonijiet 22-26

1. Fis-sajd rikreattiv, jistgħu jinżammu sa żewġ kampjuni tal-bakkaljaw għal kull sajjied kuljum fis-sottodivizjonijiet 22-24.
2. Is-sajd rikreattiv għandu jkun ipprojbit fis-sottodivizjoni 24 lil hinn mis-sitt mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi, u fis-sottodivizjonijiet 25-26.
3. Il-paragrafi 1 u 2 huma mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti.

Artikolu 8

Miżuri dwar is-sajd rikreattiv għat-trota tal-baħar fis-sottodiv iżjonijiet 22-32

1. Is-sajd għat-trota tal-baħar lil hinn mill-erba' mili nawtiċi mkejla mil-linji bażi fis-sottodiv iżjonijiet 22-32 hu pprojbit għall-bastimenti tas-sajd mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2020. Meta jsir is-sajd għas-salamun f'dawk l-ilmijiet, il-qabdiet inċidentali tat-trota tal-baħar ma jistgħux jaqbu t-3 % tal-qabda totali tas-salamun u tat-rota tal-baħar fi kwalunkwe mument abbord jew meta tinħatt l-art wara kull vjaġġ tas-sajd. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd għas-salamun f'dawk l-ilmijiet għandhom jiżguraw li l-attività tas-sajd tagħhom tista' tiġi monitorjata fi kwalunkwe ħin mill-awtoritajiet tal-kontroll tal-Istat Membru. Għal dak il-għan, dawk il-bastimenti tas-sajd jistgħu pereżempju jkunu mgħammra b'sistema tal-monitoraġġ tal-bastimenti (VMS), jew b'sistema tal-monitoraġġ elettronika ekwivalenti ċċertifikata mill-awtorità tal-kontroll.
2. Il-paragrafu 1 hu mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti.

Artikolu 9

Flessibbiltà

1. Għajr meta jkun speċifikat mod ieħor fl-Anness ta' dan ir-Regolament, l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 għandu japplika għall-istokkijiet soġġetti għal TACs prekawzjonarji u l-Artikolu 3(2) u (3) u l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw għall-istokkijiet soġġetti għal TAC analitika.
2. L-Artikolu 3(2) u (3) u l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

Artikolu 10

Trażmissjoni tad-data

Meta, skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri jibagħtu d-data lill-Kummissjoni dwar il-kwantitajiet tal-istokkijiet maqbuda jew li nħattu l-art, dawn għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 11

Emendi għar-Regolament (UE) 2019/124

L-Anness IA tar-Regolament (UE) 2019/124 huwa emendat kif ġej:

L-opportunitajiet tas-sajd għall-merluzz tan-Norveġja u l-qabdiet inċidentali assoċjati fid-diviżjoni 3a tal-ICES u fid-diviżjoni 2a tal-ICES u s-subżona 4 tal-ICES tal-ilmijiet tal-Unjoni huma sostitwiti b'dan li ġej:

Speċi:	Il-merluzz tan-Norveġja u l-qabdiet inċidentali marbutin miegħu			Żona:	3a; l-ilmijiet tal-Unjoni taż-żoni 2a u 4
	<i>Trisopterus esmarki</i>				(NOP/2A3A4.)
Sena	2019		2020	TAC analitika	
Id-Danimarka	54 949	(¹)(³)	pm (⁶)	Ma għandux japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
Il-Ġermanja	11	(¹)(²)(³)	pm (⁶)	Ma għandux japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96	
In-Netherlands	40	(¹)(²)(³)	pm (⁶)		
L-Unjoni	55 000	(¹)(³)	pm (⁶)		
In-Norveġja	14 500	(⁴)	pm		
Il-Gżejjer Faeroe	5 000	(⁵)	pm		
TAC	Mhux rilevanti		Mhux rilevanti		
(1)	Sa 5 % tal-kwota jistgħu jkunu qabdiet inċidentali tal-merluzz tal-linja sewda u tal-merlangu (OT2/*2A3A4). Flimkien, il-qabdiet inċidentali tal-merluzz tal-linja sewda u tal-merlangu li jinqatgħu mill-kwota skont din id-dispożizzjoni u l-qabdiet ta' dawg l-ispeċijiet li jinqatgħu mill-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandhomx jaqbuż d-9 % tal-kwota.				
(2)	Il-kwota tista' tingqabad biss fiż-żoni 2a, 3a u 4 tal-ICES tal-ilmijiet tal-Unjoni.				
(3)	Il-kwota tal-Unjoni tista' tingqabad biss mill-1 ta' Novembru 2018 sal-31 ta' Ottubru 2019.				
(4)	Għandha tintuża tabella ta' klassifikazzjoni.				
(5)	Għandha tintuża tabella ta' klassifikazzjoni. Din il-kwota tinkludi ammont massimu ta' 15 % ta' qabdiet inċidentali li ma jistgħux jiġu evitati (NOP/*2A3A4) u li jridu jinqatgħu minn din il-kwota.				
(6)	Il-kwota tal-Unjoni tista' tiġi mistada mill-1 ta' Novembru 2019 sal-31 ta' Ottubru 2020.				

Artikolu 12

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2020, għajr għall-Artikolu 11 li għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2019 sal-31 ta' Novembru 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President